MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Numru. 1261/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**-vs-**

**Rueben D'Amato**
**Silvio Camilleri**
***Omissis***

Kumpilazzjoni numru: 1261/2007

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Reuben D’Amato, ta’ 24 sena, bin Bartholomew u Emanuela nee’ Mallia, imwieled Pieta’, fit-22 ta’ Gunju 1983, u li joqghod fil-fond “Carmen House”, Triq Giorgio Mitrovich, Msida, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 342883(M); u

Silvio Camilleri, ta’ 23 sena, bin Carmel u Gemma nee’ Camilleri, imwieled Pieta’, fl-10 ta’ Marzu 1984, u joqghod fil-fond numru 17 “St.Michael’s Flats’ No. 4, Triq il-Flotta, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 163884(M); u

***Omissis***

Akkuzati talli b’diversi atti ukoll jew maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonij tal-ligi u li gew maghmulin b’resoluzzjoni wahda u cioe’:

Lil Silvio Camilleri u ***Omissis*** wehidhom talli fil-25 ta’ Settembru 2007 ghall-habta ta’l-4.00 ta’ wara nofsinhar mill-fond “Blue Marine Apartments”, Flat 1, Triq San Gorg, San Giljan ikkommettew serq ta’ zewg laptops tal-marka “Hewlett Peckard” u “Gercom” kif ukoll apparat eletroniku u fotografiku iehor ghad-dannu ta’ Juan Miguel Ricard Bosqued u persuni ohra liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamla hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-propjetarju ta’ l-imsemmi appartament, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Lil Reuben D’Amato u ***Omissis*** wehidhom, talli fil-1 ta’ Ottubru 2007 f’xi hin wara nofsinhar mill-fond “Seaview Apartments” Flat 10, Triq San Gorg, San Giljan ikkommettew serq ta’ zewg mobile phones tal-marka “Nokia” u “Samsung” kif ukoll oggetti ohra ghad-dannu ta’ Ismael Kutay Ozceker liema serq kien ikkwalifikat bil-

mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-propjetarju ta' l-imsemmi appartament, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Lil Silvio Camilleri wahdu talli fil-5 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tas-6:00 ta' filghaxija mill-kamra numru 2238 "garden View Complex", Triq Sidra, Swieqi, ikkometta serq ta' laptop tal-marka mhux maghrufa, apparat eletroniku u fotografiku ghad-dannu ta' Pawla Lago Velasco u persuni ohra  liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elf lira Malitn (Lm1000) u bil-lok.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli fl-istess data, u cirkostanzi, wara li kien ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' imfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 4 ta' Mejju 2005 mghotija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U finalment lil Reuben D'Amato, Silvio Camilleri u ***Omissis*** talli fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti:

1. L-imputat Silvio Camilleri skond l-artikoli:
a) 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) 49, 50, 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
g) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
h) 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. L-imputat ***Omissis*** skond l-artikoli:
a) 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
f) 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. L-imputat Reuben D’Amato skond l-artikoli:
a) 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 18, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 17, 23, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fil-1 ta’ Gunju 2009 l-imputat ***Omissis*** ammetta z-zewg imputazzjonijiet ta’ serq lilu addebietati pero ikkontesta l-aggravju tal-valur (li jeccedi €2329.37) fil-kaz ta’ serq minn Blue Marine Apartments Triq San Gorg, San Giljan, u kkontesta l-aggravji kollha fil-kas ta’ serq minn Seaview Apartments Triq San Gorg, San Giljan.

Rat li waqt l-istess udjenza l-imputat Reuben D’Amato ammetta l-imputazzjoni ta’ serq lilu addebietata in kwantu tirreferi ghal mobile phones biss pero ikkontesta l-aggravji kollha.

Rat li dawn iz-zewg imputati qed jikkontestaw l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw principarjament tlett episodji li sehhew:
1. fil-25 ta’ Settembru 2007 fil-fond ossia apartament bin-numru 1, Blue Marine Apartments, Triq San Gorg, San Giljan; implikati f’dan l-incident huma l-imputati Silvio Camilleri u ***Omissis***.
2. f’l-1 ta’ Ottubru 2007 fil-fond ossia appartament bin-numru 10, Seaview Apartments, Triq San Gorg, San Giljan; implikati f’ dan l-incident huma l-imputati Reuben D’Amato u ***Omissis***.
3. fil-5 ta’ Ottubru 2007 fil-fond Garden View Complex Triq is-Sidra Swieqi; implikat f’dan l-incident huwa l-imputat Silvio Camilleri.

Illi fil-konfront ta’l-imputat Silvio Camilleri hemm tlett imputazzjonijiet ohra, u cioe li wara li kien diga instab hati ta’ serq u/jew ricettazzjoni instab fil-pussess ta’ ghodda tajba ghal sgass ta’ serraturi, li kkommetta reat f’perjodu ta’ liberta kundizzjonata, u li huwa recidiv.

Illi fil-konfront tat-tlett imputati ngiebet ukoll l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar ir-reati kommessi fil-25 ta’ Settembru 2007 u ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Silvio Camilleri u ***Omissis*** huma dawk ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-lok, kif ukoll ta’ hsara volontarja li ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Illi jirrizulta ampjament mill-assjem tal-provi, inkluz l-istills mehuda mic-CCTV recording fil-blokk ta’appartamenti imsemmija, li fil-gurnata in kwistjoni l-imputati Silvio Camilleri u ***Omissis*** dahlu f’l-appartament numru 1 u minn hemm serqu diversi oggetti li huma elenkati fir-rapport ta’l-espert Vincent Ciliberti[1].

Illi minn dan l-istess rapport jirrizulta li l-valur ta’l-oggetti misruqa jeccedi l-l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)[2]. In oltre jirrizulta li s-serq sar f’post ta’ abitazzjoni u sar permezz ta’ sgass.

Illi jirrizulta ukoll li giet ikkawzata hsara f’l-ammont ta’ tlett mija u hamsin Euro (350)[3] fil-bieb ta’ l-appartament numru wiehed.

Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Silvio Camilleri u l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ ***Omissis***, ai termini tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

---

[1] Nominat f’l-atti ta’ l-inkjesta; rapport esebiet bhala Dok VC a fol 122.
[2] Ref ir-rapport ta’l-espert Vincent Ciliberti fol 129 et seq; kif ukoll id-depozizzjoni tad-derubati mghotija quddiem din il-Qorti a fol 86, 89, u 91.
[3] Ref depozizzjoni ta’ Maurice Rizzo a fol 281.

Illi ta’ min wiehed jirrileva li l-imputat ***Omissis*** ammetta s-serq pero kkontesta l-aggravju tal-valur (li jeccedi Euro 2329.37) u l-addebietu tal-hsara volontarja; ghar-ragunijijet hawn fuq indikati jirrizulta li kemm l-aggravju tal-valur kif ukoll l-addebietu tal-hsara volontarja gew pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar is-serq kommess fil-1 ta’ Ottubru 2007 u ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati ***Omissis*** u Reuben D’Amato huma dawk ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-lok, kif ukoll ta’ hsara volontarja li ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hija izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Illi l-imputat ***Omissis*** jammetti r-reat ta’ serq pero jikkontestaw kull wiehed mill-aggravji ghas-serq hekk kif jikkontestaw l-addebietu tal-hsara volontarja. L-imputat Reuben D’Amato jammetti r-reat ta’ serq in kwantu jirreferi ghal mobile phones pero jikkontestaw kull wiehed mill-aggravji ghas-serq hekk kif jikkontestaw l-addebietu tal-hsara volontarja.

Illi mill-atti u b’mod partikolari mill-istqarrija ta dawn iz-zewg imputati jirrizulta li mill-fond in kwistjoni nsterqu mobile phone, MP3 player u sigaretti. Jirrizulta ukoll, anke mill-istqarrija ta’ Reuben D’Amato, li dawn l-oggetti kollha bieghuhom flimkien, hu u ***Omissis***, u qasmu r-rikavat ugwalment bejniethom.

Illi dwar l-aggravju tal-valur l-unika prova (jekk tista’ tghidilha hekk) hija l-okkorrenza relattiva[4]; minn hemm jirrizulta l-valur tal-MP3 player u s-sigaretti f’l-ammont komplessiv ta’ Lm122.00. Din pero mhiex prova sufficjenti u kif titlob il-Ligi tal-valur ta’l-oggetti misruqa u din l-Qorti mhiex f’pozizzjoni tistabbilixxi hi l-valur (tal-mobile u l-MP3

[4] Ref Dok MA1 a fol 197.

player) ladraba m'hemm l-ebda prova ta' meta inxtraw dawn l-oggetti, ghal liema prezz, u f'liema stat kienu meta insterqu. Ghalhekk l-aggravju tal-valur ma giex pruvat.

Illi dwar l-aggravju tal-mezz jirrizulta li l-bieb ta'l-appartament in kwistjoni kien sgassat. Minkejja dak li qalu l-imputati koncernati f'l-istqarrija taghhom il-Qorti ma tistax tghati kredibilita lill-verzjoni taghhom li incidentalment il-bieb ta'l-appartament kien diga sgassat, u dan partikolarment meta jidher (mir-rapport li ghamlu d-derubati[5]) li l-unici oggetti li gew rapportati nieqsa huma dawk li ex admissis insterqu mill-imputati. Ghalhekk l-aggravju tal-mezz huwa pruvat ukoll.

Illi m'hemmx dubbju li l-post minn fejn insterqu l-oggetti huwa post ta' abitazzjoni konsegwentement gie pruvat ukoll l-aggravvju tal-lok.

Illi kif intqal aktar 'l fuq jirrizulta li l-bieb ta'l-appartament kien sgassat u li l-hsara tammonta ghal wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (81.53) ekwivalenti ghal Lm35.00[6].

Illi ghalhekk it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ***Omissis*** u l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Reuben D'Amato ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju gew pruvati b'l-eccezzjoni ta'l-aggravju tal-valur[7] fiz-zewg istanzi u b'dan li l-ammont tal-hsara volontarja ma jeccediex il-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u ghalhekk ir-reat kommess mill-imputati koncernati huwa dak ipotizzat taht l-artikolu 325(1)(c).

Ikkunsidrat

Illi dwar ir-reat kommess fil-5 ta' Ottubru 2007 u ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Silvio Camilleri hija dik ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn

[5] Ref okkorenza a fol 197.
[6] Ref depozizzjoni ta' Anthony Grech a fol 280.
[7] L-aggravju tal-valur ghar-reat tas-serq.

tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u bil-lok.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li fil-gurnata imsemmija l-imputat Silvio Camilleri seraq l-oggetti elenkati fid-dokument esebiet bhal Dok CE10[8]. Jirrizulta ukoll li biex dahal f'l-appartamenti minn fejn seraq l-oggetti huwa kellu jaqbez minn bejt ta'l-appartament agjacenti ghall-Gardenview Complex, jinzel minn shaft, biex imbaghad minn tieqa jidhol fil-kurudur li jghati ghall-kmamar minn fejn seraq. Ghalhekk jirrizultaw l-aggravji tal-lok u tal-mezz.

Illi dwar il-valur ta' l-oggetti misruqa anke f'dan il-kaz l-unika "prova" dwar il-valur hija dak li hemm indikat f'l-okkorrenza[9]; it-total ta'l-ammonti indikati f'dan id-dokument huwa ta' elfejn u disghin Euro (2,090). F'l-ewwel lok dan ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37). In oltre ghall-istess ragunijiet imsemmija aktar 'l fuq, dak li hemm imnizzel f'l-okkorrenza wahdu ma jistax jittiehed bhala prova sufficjenti tal-valur. F'dan il-kaz pero l-Qorti, tenut kont ta'l-oggetti misruqa, m'ghandhiex dubbju u tista tistabbillixxi li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94).

Illi ghalhekk it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Silvio Camilleri ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju giet sodisfacjentment pruvata b'dan li l-valur ta'l-oggetti misruqa ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37).

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta ukoll li meta l-imputat Silvio Camilleri gie arrestat nhar il-5 ta' Ottubru 2007 kellu fil-pussess tieghu lieva[10] u li hu ma ta l-ebda raguni biex tiggustifika n-necessita li jkollu dan l-oggett fil-pussess tieghu.

---

[8] A fol 66
[9] Ref Dok CE9 a fol 59.
[10] Esebieta in atti bhala Dok MA2.

Illi rrizulta ukoll li l-istess imputat Silvio Camilleri gie ikkundannat minn din il-Qorti diversi drabi ghal diversi reati inkluz dawk ta' serq[11] u ghalhekk jista jigi kkunsidrat recidiv ai fini ta'l-artikoli 49, 50 u anke 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wahda mis-sentenzi mghotija fil-konfront ta' Silvio Camilleri hija dik datata 4 ta' Mejju 2005 mghotija mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D li permezz taghha huwa gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin[12]. La darba Silvio Camilleri qed jinstab hati tar-reati mertu ta' dawn il-proceduri, liema reati gew kommessi f'Ottubru tas-sena 2007 u konsegwentement fil-perjodu ta' tlett snin ta' liberta kundizzjonata, huwa kiser il-kundizzjoni imposta fuqu permezz tas-sentenza imsemmija.

Illi ghalhekk ir-raba, il-hames u s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Silvio Camilleri ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju gew sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront ta'l-imputati kollha giet migjuba l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni; din l-imputazzjoni hija alternativa ghall-imputazzjonijiet ta' serq li taghhom l-imputati qed instabu hatja. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi ***Omissis*** kellu fedina penali netta meta kkommetta dawn ir-reati, fil-waqt li Reuben D'Amato kellu fedina penali kwazi netta. Fil-kors tal-proceduri rrizulta li dawn iz-zewg imputati ghandhom problema b'l-abbuz tad-droga u inizjalment hasbu li kienu kapaci jirrizolvu l-problema

---

[11] Mis-sentenzi esebieti jirrizultaw zewg kundanni ohra ta' serq: Dok DZ1 (a fol 243) u Dok CM3 (a fol 259).

[12] Ref Dok CM3 a fol 259

wahedhom u ghalhekk irrifjutaw l-ghajnuna li nghatatielhom. Jidher pero, anke wara u minhabba avvenimenti li sehhew pendente lite, li issa huma gharfu li din il-problema ma jistghux jeghlbuha wahedhom u li ghandhom bzonn l-ghajnuna. Huma fil-fatt qed jaghmlu dak kollu necessarju biex jigu ammessi f'programm ta' riabilitazzjoni tant li huma gew accettati u ser jibdew programm fil-granet li gejjin.

Illi tenut kont ta' dan u anke ta'l-eta ta' dawn iz-zewg imputati (partikolarment ***Omissis*** li kien ghadu minorenni meta saru r-reati) il-Qorti tal-fehma li ghandhom jinghataw l-opportunita biex jibdew il-programm imsemmi qabel ma taggrava ruhha l-problema li ghandhom b'l-abbuz tad-droga b'tama li jirnexxielhom fi zmien qasir jirriabilitaw ruhhom kompletament u johorgu b'mod definittiv mit-triq li kienu qabdu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx opportun li dawn iz-zewg imputati jinghataw piena karcerarja, pero xorta ghandhom jkunu soggetti ghal certi kontrolli li jistghu jigu effettwati permezz ta' ordni ta' probation li jkun jinkorpora fih kundizzjonijiet adegwati inkluz dawk li l-imputati koncernati effettivament jidbew u jkomplu sa' tmienu programm ta' riabilitazzjoni u li meta jispiccaw dan il-programm jibqghu jigi soggettati ghal testijijiet biex jigi assigurat li ma jiehdux sostanzi projbiti.

Illi c-cirkostanzi ta'l-imputat l-iehor Silvio Camilleri huma kemm xejn differenti. Huwa kellu erbgha u ghoxrin sena meta ikkommetta r-reati mertu ta' dawn il-proceduri; sa dak in-nhar kien diga gie ikkundannat almenu disgha darbiet ghal numru ferm akbar ta' reati fil-bicca l-kbira taghhom serq u ohrajn konnessi mad-droga. Camilleri skonta diversi sentenzi ta' prigunerija pero jidher li ma wassluhx biex jirriabilta ruhu; huwa inghata ukoll diversi opportunitajiet biex jaghmel dan (jirriabilita ruhu) minghajr ma jiskonta piena karcerarja (inghata probation u anke liberta kundizzjonata) pero jidher li qatt ma ghamel anzi kompla jikkommetti reati ohra.

Illi huwa ressaq bhala xhud lil rapprezentanta ta'l-agenzija Caritas biex tikkonferma li dan l-ahhar xahar, (waqt li qed jiskonta piena karcerarja ohra), beda programm ta' riabilitazzjoni ghaliex "iried jaghmel xi haga b'hajjtu". Mid-depozizzjoni ta'l-istess xhud jirrizulta ukoll pero li Silvio Camilleri ilu snin twal f'kuntatt ma'l-agenzija Caritas gia beda il-programm kemm il-darba pero jerga jaqa' fil-vizzju. Dan attwalment huwa rifless fil-fedina penali ta' dan l-imputat.

Illi fil-waqt li l-Qorti tittama li l-imputat Camilleri verament jixtieq "jaghmel xi haga b'hajjtu", l-ewwel huwa ghandu jassummi r-responsabbilta ta'l-agir tieghu u anke jaccetta l-konsegwenzi legali li f'dan l-istadju bil-fors ikollhom jikkomportaw piena karcerarja u dan mhux biss ghar-reati mertu ta' dawn il-proceduri imma anke ghal dawk li taghhom li taghhom instab hati f'l-4 ta' Mejju 2005.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(b)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 269(g), u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disgha imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu "c" tan-nota ghar-rinviji ghall-gudizzju), issib lill-imputat **Reuben D'Amato** hati tat-tielet imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu "a" tan-nota tar-riviju ghall-gudizzju) inkwantu tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u l-lok pero mhux qed isiebu hati ta'l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju qed jigi liberat, u qed issibu hati tar-raba imputazzjonijiet (ossia dik indikata fil-paragrafu "b" tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju) in kwantu giet kawzata hsara f' ammont li ma jeccediex il-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 qed tpoggi lill-imputat Reuben D'Amato taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin skond il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jibda u jkompli sa tmiemu program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Wara li rat l-artikoli 17, 18, 37, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 267, 269(g), u 325(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disgha imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu “e” tan-nota ghar-rinviji ghall-gudizzju), issib lill-imputat ***Omissis*** hati ta’l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet (ossia dawk indikati fil-paragrafu “a” u “b” tan-nota ghar-rinviji ghall-gudizzju) u cioe serq agravat bil-mezz, valur u lok kif ukoll ta’ hsara volontarja f’ammont li ma jeccediex l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), qed issiebu hati tat-tielet imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu “c”  tan-nota tar-riviju ghall-gudizzju) inkwantu tirreferi ghal serq aggravat bil-mezz u l-lok pero mhux qed isiebu hati ta’l-aggravju tal-valur mill-liema aggravju qed jigi liberat, u qed issiebu hati tar-raba imputazzjonijiet (ossia dik indikata fil-paragrafu “d” tan-nota tar-riviju ghall-gudizzju) in kwantu giet kawzata hsara f’ ammont li ma jeccediex il-mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kap 446 qed tpoggi lill-imputat ***Omissis*** taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin skond il-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jibda u jkompli sa tmiemu program ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Wara li rat 17, 18, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(1), 287, 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disgha imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu “g” tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju), ssib lill-imputat **Silvio Camilleri** hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. In oltre l-Qorti qed titrattat ma’ l-imputat **Silvio Camilleri** ghar-reati li taghhom instab hati f’l-4 ta’ Mejju 2005 b’mod li fil-waqt li qed tikkonferma s-sejbin ta’ htija qed tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija ghal dawk ir-reati.

Il-Qorti qed tordna lil kull wiehed mill-imputati Silvio Camilleri u ***Omissis*** biex ihallsu lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ mitejn hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (235.72) rapprezentanti spejjez ta’l-esperti rinkorsi f’l-atti ta’l-inkjesta li nzammet dwar is-serq

mill-Blue Marine Apartments; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati Reuben D’Amato u ***Omissis*** fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna ukoll li  kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation sabiex jigu assenjati ufficjali ghas-sorveljanza ta’l-imputati Reuben D’Amato u ***Omissis***.

In konkluzzjoni, u peress li l-imputat ***Omissis*** kien minorenni meta gew kommessi r-reati odjerni, il-Qori qed tordna li ismu ma jigiex ippublikat fi kwalnkwe mezzi ta’ xandir jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------